Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Kenneth Falzon

Illum 26 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Kenneth Falzon, imwieled fit-28 ta' Awissu, 1976 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 438376(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-3 ta' Gunju 2002 ghall-habta ta' 1.00a.m. gewwa il-post maghruf bhala 'Havana' fi Triq San Gorg Paceville San Giljan ikkaguna minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-

hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Douglas De Leonardo minn San Gwann skond kif iccertifikat Dr M. Grixti MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai termini tal-Artikolu 214, 216 (1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb ghall-istess Douglas De Leonardo minn San Gwann u ghal Louise Ellul minn Hal-Luqa sabiex jingurja, iddejjaq, jew jghamlilha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Louise Ellul minn Hal-Luqa kif iccertifika Dr A. Fiorini MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan ai termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Ta' Giorni San Giljan volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Douglas De Leonardo u Louise Ellul tipprovdi garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju, 2002;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi dehru fl-awla Douglas De Leonardo u Louise Ellul illi iddikjaraw illi huma jahfru lill-imputat ta' dak li gara u li ma jixtiequx li jixhdu fil-konfront tieghu;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-istess imputat fuq imsemmi huwa **<u>hati</u>** tal-istess imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 221(1), 214, 216(1)(b), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu;

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-parte civile Douglas De Leonardo u Louise Ellul hafru lill-imputat u jidher illi wara illi gara l-incident l-imputat skuza ruhu maghhom u huma hafrulu. L-imputat ma rega irrepeta l-ebda incident simili u iddikjara fil-Qorti illi kien iddispjacih hafna ta' dak illi kien ghamel.

Il-Qorti wara li rat ukoll illi l-fedina penali tal-imputat mhijiex xi wahda allarmanti, tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputat jinghata opportunita sabiex jrriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi

zmien sentejn mil-lum.  Finalment il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, torbot lill-imputat bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Douglas De Leonardo, jew lil Louise Ellul, jew lill-familjari taghhom.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur